# GĦALIEX IL-ĦWIENET TBIDDLU

**S 3.3.5** *nifhmu għala dawn it-tip ta' ħwienet tbiddlu matul iz-zminijiet*

**AQRA**.



Fir-ritratt tidher il-familja Camilleri. Il-koppja John u Rita Camilleri iżżewġu fis-sena 1940. Huma marru joqogħdu l-Isla. Fir-ritratt, John għandu erbgħin sena. John kien ħaddiem tat-Tarzna. Huwa jsewwi l-vapuri.

Rita Camilleri ma taħdimx barra mid-dar. Hija mara tad-dar. Rita tieħu ħsieb iż-żewġt itfal tagħhom Marija u Fredu. Matul il-jum tmur il-ħanut tal-merċa biex tixtri dak kollu li familja tagħha jkollha bżonn għall-ikel. Marija u Fredu jħobbu jgħinuha fix-xiri.



F'din l-istampa tidher il-familja Agius. Tony u Agnes Agius iżżewġu fis-sena 2005; huma kellhom żewġt itfal, Deborah u John. Joqogħdu Ħ'Attard.

Agnes, il-Mamà tgħallem fi skola primarja. Minbarra li tieħu ħsieb iż-żewġt itfal tagħha, kull filgħaxija hija tipprepara l-lezzjonijiet għat-tfal tal-klassi tal-Ħames Sena li hija tmur tgħallem.

Tony, il-Papà jaħdem bħala *accountant*. Wara x-xogħol huwa jasal id-dar kuljum għal xi s-sitta ta' filgħaxija.



Tony u Agnes Camilleri ma jkollhomx ħin imorru jixtru kuljum. X'jagħmlu?

Darba fil-ġimgħa jmorru ġewwa *supermarket*. Fis-*supermarket* isibu dak kollu li jkollhom bżonn għal ġimgħa sħiħa.

L-istil ta' ħajja li jgħixu l-Maltin inbidel ħafna matul dawn l-aħħar 50 sena. Il-ħwienet kellhom jinbidlu wkoll. Illum il-ħwienet saru ikbar u s-*supermarkets* ibiegħu kollox. Illum, in-nisa u l-irġiel għandhom ħafna inqas ħin għax-xiri.

Ejja nieħdu eżempju ieħor biex naraw kif il-ħwienet tal-lum huma differenti minn dawk ta' dari. Isimgħu lil dan it-tifel, Bertu, jgħidilna l-istorja tar-rota tan-nannu tiegħu.

*"Dan ir-raġel tal-istampa huwa n-Nannu Nenu. In-nannu jħobb jgħidli l-istejjer ta' meta hu kien żgħir. Huwa jħobb jgħidli kif hu, u l-ħbieb tiegħu, kienu jqattgħu l-ħin tagħhom meta ma jkollhomx xogħol x'jagħmlu."*





*"Darba waħda n-Nannu Nenu tani dan ir-ritratt.Fir-ritratt jidher skuter. Huwa kien iħobb jilgħab bih ħafna. Meta l-iskuter kien jiġrilu l-ħsara, il-Papà tiegħu, li jiġi l-bużnannu tiegħi, kien isewwilu l-iskuter huwa stess meta jiġi lura mix-xogħol."*



Bertu jkompli l-istorja tiegħu hekk:

*"Fir-ritratt tidher ir-rota li nuża llum. Din ir-rota qlajtha bħala rigal mingħand il-ġenituri tiegħi meta għalaqt tmien snin.*

*Ir-rota tiegħi tgħidx kemm inħobbha. Jiena semmejtha TERRY.*

*Ir-rota nużaha biex immur naqdi lil ommi u lil missieri. Nhar ta' Ħadd immur indur bir-rota fil-kampanja mal-familja tiegħi. Aħna noqogħdu fir-raħal ta' Ħal Kirkop. Maġenb ir-raħal tagħna għandna ħafna kampanja u għelieqi fejn nistgħu mmorru niġru bir-rota."*

*"Dan huwa ħanut tar-roti li jinsab ġo raħal qrib ħafna ta' Ħal Kirkop. Meta jkolli bżonn nirranġa r-rota, jiena neħodha l-Ħanut ta' Joe. Joe huwa l-isem ta' sid il-ħanut tar-roti. Joe huwa raġel dħuli u t-tfal kollha jħobbu jmorru jirranġaw ir-roti tagħhom għandu".*



Dawn l-istejjer juruna kemm il-ħajja tal-Maltin inbidlet. Allura l-ħwienet ta' dari kellhom jinbidlu wkoll.